Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 76/2015

Il-Pulizja

Spettur Keith Arnaud

Spettur Tony Cachia

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Gordon Pickard

Illum 30 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gordon Pickard, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 216277M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Gewwa l- gzejjer Maltin, matul il- lejl ta' nhar id- 29 u t- 30 ta' Gunju 2012, xjentement issoprma jew b' xi mod iehor qered jew biddel it- tracci jew l- indizji ta' reat;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, tiehu l-provedimenti mehtiega talli dawn ir-reati twettqu minn ufficjal jew impjegat pubbliku u meta huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.
Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika il-provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti Wara li rat l- Artikoli 111 (2)(a), 141, 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghall-piena ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gordon Pickard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Gordon Pickard huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-fatti li rrizultaw f'dan il-kaz ma jwasslux ghar-reat addebitat lill-esponent.

Illi għandu jibda biex jiġi rilevat, u fuq dan ser jingħad izjed iktar 'l quddiem f'dan ir-rikors ta' appell, li l-fatti li f'moħħ il-prosekuzzjoni wasslu għar-reat addebitat lill-esponent ma humiex cari. Dan qiegħed jingħad għal diversi raġunijiet fosthom id-data u l-hin ta' l-imputazzjoni allegata. Fis-sottomissjonijiet verbali tal-prosekuzzjoni jidher li l-bazi għall-għazla ta' din l-imputazzjoni kienet, fl-ewwel lok, id-diskrepanzi bejn il-versjonijiet mogħtija mill-esponent fl-okkorrenza u fiz-zewġ stqarrijiet tiegħu dwar il-kwalita' ta' rezistenza ta' Abdalla Madou u dwar l-aġir ta' Clive Cuschieri u, fit-tieni lok, allegat ftehim li sar bejn il-ħames persuni involuti dwar x'kellhom jgħidu lill-awtoritajiet. Infatti, fir-risposta għan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-esponent, il-prosekuzzjoni telabora fuq dawn il-ħsibijiet u anke iddeffes cirkostanzi oħra bħal l-għazla tal-Policlinic li effettivament m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-imputazzjoni addebitata u li kienu intizi biss biex jitfgħu dell fuq l-operat tal-esponent, ta' Dimech u ta' Cuschieri fl-ambjent ta' suspetti li ġie krejat wara l-mewt ta' Madou.

Illi ma sar ebda ezami jew accenn fis-sentenza appellata ta' l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 111(2) tal-Kodici Kriminali u lanqas ma ġie indikat x'kienu ic-cirkostanzi precizi li setgħu jwasslu għar-reita' f'dan ir-reat. Infatti il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati jikkonsistu f'sensiela ta' ħsibijiet dwar kif, skond hi, seħħew il-fatti. Kif dawk il-ħsibijiet iwasslu għar-reat kontemplat fl-imsemmija disposizzjoni jibqa' bl-akbar rispett misteru.

Illi ma jistax ikun hemm dubju li l-allegat pjan dwar x'kellu jingħad lill-awtoritajiet, nonostante l-accenn preponderanti tal-prosekuzzjoni, ma jista' qatt iwassal għar-reat ta' sopressjoni, qirda jew tibdil tat-tracci jew l-indizji ta' reat. Jibqa' għalhekk l-att materjali ta' x'effettivament intqal till-Pulizija. Jingħad bl-akbar rispett li dan il-kaz kellu jiġi rizolt facilment, u mingħajr ħafna emozzjonijiet li ftit li xejn għandhom x'jaqsmu ma' proceduri kriminali serji, billi jiġi dikjarat li r-reat kontemplat fi-artikolu 111(2) tal-Kodici Krimimali jirrikjedi sopressjoni, qirda jew tibdil tat-tracci jew l-indizji "materjali" ta' reat. Dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet inveritjeri lill-

Pulizija Ezekuttiva ma jwasslux ghal dan ir-reat. Din hija disposizzjoni li tittratta tracci materjali ta' reat.

Illi sabiex wiehed jifhem precizament x'inhu dan ir-reat huwa necessarju li wiehed ihares lejn l-evoluzzjoni storika tieghu. Jibda biex jinghad li 1-artikolu 111(2), a differenzi tad-disposizzjonijiet l-ohra tas-Sub-titolu III tat-Titolu III tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali li gew introdotti mal-promulgazzjoni tieghu fis-sena 1854, gie introdott fis-sena 1909 bhala paragrafu gdid fi-artikolu 111 (dak iz-zmien artikolu 110) permezz ta' emenda introdotta bi-artikolu 7 ta' l-Ordinanza VIII ta' 1-1909. L-artikolu, fit-test Taijan,
kien jghid hekk:

> *"Alla stessa pena sara' soggetto chiunque, fuori dal casi preveduti in altre disposizioni di queste leggi, scientemente sopprime o in qualsiasi modo disperde o altera le tracce o gli indizi di un delitto portante a pena non inferiore al lavori forzati o alla prigionia per un anno."*

Din id-disposizzjoni giet mudellata fuq l-ahhar parti ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Penali Taijan ta' l-1889 (ara Mamo, Professor A.J. , Notes On Criminal Law, Vol. II, Revised Ed. 1954-1955, p. 79) li kienet tghid hekk:

> *"Chiunque, dopo che fu commesso un delitto per il quale e' stabilita una pena non inferiore alla detenzione, senza concerto anteriore al delitto stesso, e senza contribuire a portarlo a conseguenze ulteriori, aiuta taluno ad assicurarne il profitto, a eludere le investigazioni dell'Autorita ', ovvero a sottrarsi alle ricerche della medesima o alla esecuzione della condanna, e chiunque sopprime o in qualsiasi modo disperde o altera le traccie o gli indizil di un delitto che importi la pena suddetta..."*

Illi l-legislatur Malti ghamel decizjoni konxja li, ghal dak li jirrigwarda ir-reat maghruf fl-Italja bhala favoreggiamento, jeskiudi parti sostanzjali ta' dak li jikkostitwixxi r-reat analogu f'dak il-pajjiz. Infatti, peress li effettivament hija l-

ewwel parti ta' l-artikolu 225 imsemmi Ii tikkostitwixxi r-reat ta' *favoreggiamento*, il-legislatur Malti volutament biddel id-definizzjoni tar-reat ghal *soppressione di prove* — definizzjoni ta' reati ohra fil-Kodici Penali Taijan kif ser jigi spjegat.

Illi fil-Kodici Penali Taijan ta' 1-1930 ir-reat ta' favoreggiamento gie maqsum fi tnejn. L-artikolu 378 ta' dan il-Kodici jittratta r-reat ta' favoreggiamento personale — "*dopo che fu commesso un reato, e fuori dei casi di concorso nel medesimo, viene alutato taluno ad eludere le invesitigazioni dell'Autorita', o a sottrarsi alle ricerche di questa*" u l-artikolu 379 jittratta r-reat ta' favoreggiamento reale — "*fuori dei casi di concorso nel reato e del casi previsti dagli articoli 648, 648-bis e 648-ter, aluta taluno ad assicurare il prodotto o il profitto o il prezzo di un reato*".

Illi skond il-kummentaturi tal-Kodici Taijan vigenti, il-formula li r-reat ta' favoreggiamento jinqasam fi tnejn kien pjenament gustifikat peress li d-differenza bejn iz-zewg reati hija notevoli (vide Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Speciale II, 13° ed., p. 485). Ghall-finijiet tad-diskwizzjoni in dizamina dak li huwa verament importanti hu li l-parti tal-Kodici Penali Taljan ta' l-1889 li serviet ta' mudell ghall-artikolu 111(2) taghna thalliet barra mill-Kodici Taijan ta' l-1930. Illi l-Antolisei, fl-ezami tieghu ta l-artikolu 378 imsemmi, jghid hekk (op. cit., p. 488):

> *"Per < indagini > si intendono le investigazionli degli ufficiali della polizia e degli organi giudiziari svolte per la ricerca di notizie relative al reato e per acquisire e conservare il material probatorlo occorrente per la pronuncia di merito. < Eludere > le indagini significa impedire che esse conducano al risultato a cui sono dirette, il che puo' ottenersi con i mezzi piu' svariati, e specialmente con la soppressione od occultamento degli elementi di prova e con la creazione di falsi indizi, salvo che non si tratti dell'ipotesi specifica contemplata nell'art. 374 (frode processuale...)."*

Illi, ghalhekk, anke kieku wiehed keflu jaccetta li l-versjoni tal-fatti hija dik esposta fis-sentenza appellata - versjoni kontestata mill-esponent kif ser jigi spjegat iktar 'l quddiem - tali fatti setghu fl-aghar ipotesi jwasslu ghar-reat kontemplat fl-ewwel

parti ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Penali Taijan ta' l-1889, liema parti giet volutament eskluza mill-legislatur Malti fis-sena 1909.

Illi d-decizjoni tal-legislatur Malti kienet wahda cara - ir-reat kontemplat f'dak li hu llum l-artikolu 111(2) jirreferi biss ghas-soppressjoni ta' tracci jew indizji ta' reat li necessarjament ghandhom jfissru tracci jew indizji materjali. Dik il-parti ta l-artikolu 225 tal-Kodici Penali Taljan ta' l-1889, riprodotta fl-artikolu 378 tal-Kodici Taijan ta' l-1930, li tittratta xenarji iktar vasti fosthom interrogatorji tal-Pulizija (vide Manzini, V., Trattato Di Diritto Penale Italiano, Volume V,5 ed., p. 997), giet volutament eskluza mill-ligi Maltija.

Illi l-Kodici Penali Taijan vigenti jaghti indikazzjonli cara li ir-reat ta' soppressione ghandu jirreferi ghal tracci jew indizi materjali. Infatti l-artikolu 144 jittratta r-reat ta' soppressione di cadaveri o di ceneri. L-artikolu 490 jittratta r-reat ta' soppressione di documenti u l-artikolu 255 jittratta r-reat ta' soppressione di documenti d'interesse militare o politico. Il-Manzini jispjega is-sinjifikat ta' "soppressione", b'referenza ghad-dokumenti b'dan il-mod (op.
cit., Volume IV, 195):

> *"In questa ipotesi il fatto deve cagionare la scomparsa totale o parziale del documento o del suo contenuto ideale."*

Illi ghalhekk, anke skond il-principju ta' l-*ejusdem generis*, huwa car li s-sopressjoni tat-tracci jew l-indizji ta' reat jirreferi ghal tracci jew indizji materjali. Din it-tezi hija konfortata mid-decizjoni tal-legislatur Malti li ma jittrasportax dik il-parti ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Penali Taijan ta' l-1889 (illum 378 u 379 tal-Kodici ta' 1-1930) fit-test Malti. Huwa f'dan is-sens li, galadarba ma rrizultax, u del resto lanqas ma gie allegat, li l-esponent issoprima, qered jew biddel it-tracci jew l-indizji materjali ta' reat, huwa kellu jigi lliberat mill-imputazzjoni migjuba kontrih minghajr indagini ulterjuri ta' l-evidenza.

Illi t-tieni aqqravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, galadarba l-imputazzjoni giet arginata ghall-"lejl ta' nhar id-29 u t-30 ta' Gunju, 2012", kwalsiasi referenza ghal dak li ntqal mill-esponent fl-istqarrijiet li ghamel fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija hija superfluwa u barra minn lokha in kwantu dawn l-istqarrijiet ittiehdu fid-9.45am tat-30 ta' Gunju, 2012 U fit-3.20pm ta' l-1 ta' Lulju, 2012. Ghalhekk irid necessarjament u esklussivament jigi ezaminat dak li sehh "matul il-lejl ta' nhar id-29 u t-30 ta' Gunju, 2012". Dak li gara wara ma huwiex relevanti ghall-imputazzjoni kif dedotta (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti ta' 1-Appell Kriminali fi-ismijiet Il-Pulizija v omissis, Francesco sive Godwin Scerri (18.04.2012).

Illi kif gja' nghad jidher li l-bazi ghall-ghazla ta' l-imputazzjoni kontemplata fl-artikolu 111 (2) tal-Kodici Kriminali kienet, fl-ewwel lok, id-diskrepanzi bejn il-versjonijiet moghtija mill-esponent fl-okkorrenza u fiz-zewg stqarrijiet dwar il-kwalita' ta' rezistenza ta' Abdalla Madou u dwar l-agir ta' Clive Cuschieri u, fit-tieni bk, l-allegat ftehim li sar bejn il-hames persuni involuti dwar x'kellhom jghidu lill-awtoritajiet.

Illi f'dan l-istadju l-esponent ma huwiex ser jikkummenta fuq l-allegat ftehim, peress li bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni — li jidher li kien hawn hafna f'dan il-kaz — ma jista' jikkostitwixxi r-reat kontemplat fl-artikolu 111(2) tal-Kodici Kriminali. Il-fatt li l-prosekuzzjoni ma akkuzatx lil Marco Cuschieri u lil Francis Scerri (vide xiehda ta' Scerri a fol 83 ta' l-atti processwali) jindika li gustament il-ftehim wahdu ma giex ipprospettat mill-istess prosekuzzjoni li jwassal ghal dan ir-reat.

Illi ghalhekk jibqa' biss dak li l-esponent qal lill-Pulizija hekk kif dawn wasslu fuq il-post. Din id-dikjarazzjoni giet mnizzla fl-okkorrenza PIRS II 5/K/1212/2012. Fix-xiehda taghha WPS 167 Justine Grech li dak li ntqal mill-esponent tnizzel kelma b'kelma (vide fol.211 ta' l-atti). Il-parti relevanti ghall-kaz ser tigi riprodotta bl-isperanza li kwalsiasi spekulazzjoni tigi darba ghal dejjem eliminata minn dan il-kaz. Skond dan id-dokument l-esponent qal hekk:

*"Sgt Dimech cempel hal-far sabiex jiehdu l-isolation room. Kif hrignieh mill-gate ta spinta u harab. Qabzilna mill fence u ma stajtx inkompli nigri. Gunner Cuschieri hargu ifittxuh u ftit warajhom jien hrigt bil-vettura personali tieghi biex nghamlu tficcija. Waqaft go sqaq u rajt lill kiandestin fuq cint u bqajt nghidlu biex jinzel u ghidtlu li ahna nippruvaw nghinuh. Kif bdejt inkellmu qabizli go ghalqa ohra u ittawwalt u rajtu jaqbez ghal go it-triq. Jien tlaqt gol vettura tieghi ABGI96 u mort nerga infittxu. Wara tlajt il fuq kif ergaft inzilt l-isfel rajt lill vann taghna wieqaf u sibthom jissaraw mieghu. Tellawh gol vann u baqgha jissara, sakkarna il vann u morna lejn Safi Barracks. In the mean time tlabt ghall assistenza biex igibu il-manetti ghax il klandestin kien ghadu jlssara. Il-manetti ftahnieh u gejna lejn Paola health centre. Tlajna jien u surgent fuq. Jien inzilt isfel bil wheelchair biex intellaw fuq u il klandestin ma bediex jirrispondi u nizzilt lit-tabib u qalli illi il-klandestin kien miet."*

Illi ghalhekk jekk wiehed ihares lejn l-imputazzjoni kif dedotta, u jekk wiehed inehhi l-evidenza irrelevanti intiza biss biex titfa' dell fuq l-operat ta' min qieghed jaghmel xogholu f'cirkostanzi ferm iktar difficli minn dawk ta' min qieghed jispekula fil-kumdita' dwar x'seta' gara f'dan il-kaz, wiehed mill-ewwel jirrealizza li l-esponent instab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 111(2) u gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija ghaliex il-prosekuzzjoni dehrilha li bid-dikjarazzjoni tieghu "*[i]n the mean time tlabt ghall assistenza biex igibu il-manetti ghax il klandestin kien ghadu jissara*" huwa issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat.

Illi meta ddahhal fil-van ir-rezistenza ta' Madou kienet naqset b'mod konsiderevoli izda l-perikolu li jerga' jhebb ghall-esponent u ghal Dimech u Cuschieri kienet reali u manifesta kif anke spjega l-esponent fix-xiehda tieghu. Kien ghalhekk li ttiehdet id-decizjoni li jmorru fil-Barracks ghal assistenza u ghal manetti. L-allegazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati li din kienet parti minn "messa in scena" hija wahda gratuwita minghajr is-sostenn tal-provi. Il-logika u l-buon sens jiddettaw li min irid jostor il-fatti ma jmurx igib zewg xhieda. Li kieku l-perikolu kien spicca, kienu jmorru dritt

bih il-Policlinic. Ghalhekk qed jigi ribadit li l-allegazzjoni msemmija hija wahda gratuwita li anke turi bl-aktar rispett nuqqas ta' distakk emozzjonali mill-fatti tal-kaz — distakk tant necessarju ghal gudizzju seren u gust.

Illi, fi kwalunkwe kaz, fil-bran citat ma hemm assolutament ebda accenn ghall mument preciz meta gie indikat mill-esponent li Madou kien qed jissara. Certament, pero', id-decizjoni li jitolbu ghall-assistenza u jmorru ghall-manetti tipprecedi il-mument li dahlu fix-xena Marco Cuschieri u lil Francis Scerri. Dan ifisser li l-versjoni ta' l-esponent hija korretta u ma hija kontradetta minn hadd.

Illi ma' dan ghandu jizdied li jidher li sfugga lil kulhadd il-fatt fondamentali li fil-mument li l-esponent gie mitkellem minn WPS 167 Justine Grech hu ma nghata ebda warning u wisq anqas ma gie offrut l-assistenza ta' avukat. F'dak il-mument l-esponent kien suspettat ghaliex id-dinamika tal-incident kienet ghada ma gietx stabbilita. Dan huwa nuqqas serju li,  indipendentement minn dak li ntqal iktar 'l fuq, kellu jwassal lill-Qorti tal-Magistrati biex tevalwa din id-dikjarazzjoni b'ciskospezzjoni kbira u ma taghtiha ebda valur probatorju jekk mhux addirittura tiddikjaraha bhala inammissibbli. L-esponent u d-difensuri tieghu jinsabu preokkupati bil-leggerezza Ii nghataw lid-drittijiet fondamentali tieghu u bil-mod kif lanqas dak li kien minimament rikjest f'pajjiz li suppost jabbraccja u jghozz dawn id-drittijiet ma gie osservat. Il-fatt li, kif gie spejgat, l-imputazzjoni li nghatat lilu gie msejjsa eskiussivament fuq
dikjarazzjoni li ttiehdet minghajr is-salvagwadji necessarji f'cirkostanzi bhal dawn huwa preokkupanti ferm u certament jirrikjedi riflessjoni serja da parti tal-kooperazzjoni li ghandu jkun hemm bejn il-membri tal-Forzi Armati u l-Pulizija Ezekuttiva.

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, -esponent kellu, a bazi ta' dak kollu Ii rrizulta fI-evidenza f'dan il-kaz, jigi iliberat mill-imputazzjonj migjuba kontrih.

Illi, indipendentement mill-kwistjonijiet msemmija fl-aggravji precedenti, irrizulta mix-xiehda ta' Francis Scerri li, nonostante dak li qal ix-xhud Marco Cuschieri, ma kienx l-esponent li hareg bl-idea ta' l-allegat ftehim (vide fol. 75 U 81 ta' 1-atti). Scerri addirittura jghid l-esponent ma qal xejn (vide fol. 76 ta' l-atti). Iktar 'l quddiem dan ix-xhud, pressat mill-Qorti u mill-prosekuzzjoni, jghid li l-ftehim sar bejn il-hames persuni — infatti huwa wiehed mill-misteri l-kbar ta' dawn il-proceduri kif bniedem li ma fetahx halqu rnexxielu jilhaq ftehim ma' erba' persuni ohra! Fi kwalunkwe kaz, ix-xiehda rigward min effettivament hareg bl-idea ta' l-allegat ftehim giet pjenament korroborata mill-esponent stess fix-xiehda tieghu. Qed jigi ribadit li dan l-allegat ftehim, ghamlu min ghamlu, ma jista' qatt  jikkostitwixxi r-reat kontemplat fi-artikolu 111(2) tal-Kodici Kriminali. Infatti, a parti ragunijiet ta' natura legali li tant huma ovvji li lanqas biss ghandhom ghalfejn jigu indikati, Francis Scerri u Marco Cuschieri, li skond ix-xiehda ta' l-istess Scerri kienu kompartecipi fl-allegat ftehim, qatt ma gew akkuzati b'dan ir-reat. Dawn l-osservazzjonijiet qed isiru biss minhabba in-nuqqas ta' koerenza fit-tezi tal-prosekuzzjoni dwar x'kien jikkostitwixxi in-nuqqas ta' l-esponent. Tali incertezza ikkumplikat mhux ftit l-impostazzjoni tad-difiza f'dan il-kaz.

Illi jidher, a parti dak li ntqal fl-aggravju precedenti dwar il-kontenut ta l-okkorrenza li, a skans ta ripetizzjoni qed issir pjena referenza ghalih, fis-sottomissjonijiet taghha il-prosekuzzjoni ghamlet ukoll referenza ghad-dikjarazzjonijiet ta' l-esponent fl-ewwel stqarrija tat-30 ta' Gunju, 2012. Dawn id-dikjarazzjonijiet gew varjati fit-tieni stqarrija ta' l-1 ta' Luiju, 2012.

Illi fit-tieni stqarrija, fir-rigward ta l-allegat swat lil Abdalla Madou intqal, inter alia, hekk:

> *"M. Mill-bierah ghall-llum zviluppaw certu affarjiet ohra fejn nemmnu li bejn l-istqarrija tal-bierah ghall-llum inti ghandek bzonn ticcara certu affarjiet, u allura ghidilna xi trid zzid jew tbiddel minn dak li ghidtilna il-bierah?*

*T. Li nzid jiena li kif wasalt bil-karozza rajt lil Gunner Cuschieri jixxutja ghal-darbtejn lill-klandestin."*

Fir-rigward tar-rezistenza intqal, inter alla, hekk:

*"M. Indunajt li mill-post ta' fejn inqabad u arrestajtuh Safi stess sakemm dhaltu gewwa il-Barracks taghkom go Safi dan ma baqax aggressiv kif kien u kien naqqas hafna mis-sahha?*
*T. Kien hemm differenza. Ma kienx aggressiv u ma rreziztix."*

Illi, mistoqsi jekk fl-ewwel stqarrija huwa kien ipprova itaffi lil Gunner Cuschieri, huwa rrisponda fl-affermattiv.

Illi huwa importanti li l-involviment ta' l-esponent f'dan il-kaz jitpogga fil-proprja perspettiva tieghu. L-esponent ma kien bl-ebda mod involut fil-feriti li allegatament wasslu ghall-mewt ta' Madou. Anzi, kif wasal fuq il-post huwa waqqaf lil mm kien qed jipprova jrazzan lil Madou bid-daqqiet ta' sieq. Fl-ewwel stqarrija tieghu ma kixifx lil kollega tieghu . Fit-tieni stqarrija huwa stqarr dak kollu li kien jaf. Huwa bl-akbar rispett difficli biex wiehed jifhem kif dawn il-fatti setghu jwasslu ghar-reat kontemplat fi-artikolu 111(2) tal-Kodici Kriminali.

Illi qed jigi rilevat li li kieku l-esponent zamm ma' dak li kien stqarr fl-ewwel stqarrija u, minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fl-ewwel zewg aggravji ta' dan l-appell, forsi wiehed seta', ghalkemm mhux minghajr diffikultajiet legali, jifhem x'kienu l-intenzjonijiet tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Pero' meta wiehed iqis li l-esponent, fil-mori ta' l-investigazzjonijiet, stqarr dak li kien effettivament gara u li bl-ebda mod ma fixkel l-andament ta' l-investigazzjoni, huwa car li r-reat ta' sopressjoni tat-tracci ta' delitt ma jirrizultax.

Illi kif intqal iktar 'l fuq, dan ir-reat gie kiassifikat fis-Sub-titolu III tat-Titolu III tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali. It-Titolu III jittratta delitti kontra l-

amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra. Jekk wiehed jaccetta li n-nuqqas li tistqarr kull ma taf lill-Pulizija Ezekuttiva jikkostitwixxi reat — tezi kontestata bil-qawwa mid-difensuri sottoskritti — allura certament ikun jista' jinghad li dan ir-reat huwa forma minuri tar-reat ukoll inkluz fl-istess Sub-titolu III ta' spergur. Id-differenza hi li fir-reat ta' spergur id-dikjarazzjoni tinghata fi proceduri kriminali jew civili u tinghata bil-gurament, bilkemm hemm ghalfejn jinghad li dawn iz-zewg elementi jirrendu l-att ta' spergur ferm iktar gravi.

Illi fir-reat ta' spergur tezisti id-dottrina tar-retraction. Il-Professur Mamo jghid hekk fir-rigward ta' din id-dottrina (op. cit., p. 70):

> *"...the several parts of a testimony form together one indivisible whole, such testimony cannot be considered complete and irrevocable except when the discussion of the cause in which it is given is definitely closed. A witness who retracts an untruthful deposition before it has caused to the community or to the individual an irreparable injury, thereby voluntarily negatives the effects thereof."*

Illi dan il-principju, li gie accettat anke mill-gurisprudenza taghna (vide, ez., Rex v Pawlu Borg (18. 12. 1942), japplika b'izjed sahha fejn id-dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet ikunu gew maghmula lill-Pulizija Ezekuttiva u minghajr gurament. Dan il-principju ma huwa xejn ghajr l-applikazzjoni tal-logika u l-buon sens fl-applikazzjoni ta' reat b'*ratio legis* specifiku u evidenti mill-klassifikazzjoni tieghu fis-Sub-titolu msemmi. Kif qatt jista' jinghad li wiehed issoprima t-tracci ta' reat semplicement ghaliex ma qalx kollox fl-ewwel dikjarazzjoni li jkun ghamel lill-Pulizija. Dan huwa bl-akbar rispett assurd. L-esponent kellu jigi lliberat minn din l-imputazzjoni wkoll a bazi tal-fatt li huwa stqarr il-verita' lill-Pulizija minghajr wisq tlaqliq ftit tas-sieghat wara li gie arrestat.

Illi r-raba' aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-esponent qatt ma kellu jinstab hati tac-cirkostanza aggravanti kontemplata fl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

Illi skond l-interpretazzjoni moghtija fil-gurisprudenza, biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-artikolu 141, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (Jew ir-reati kollha) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati) (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fi-ismijiet Il-Pulizija v Emmanuel Testa (1 7.07.2002)).

Illi ma tezisti ebda disposizzjoni tal-ligi li timponi obbligu fuq membru tal-Forzi Armati ta' Malta li jiddikjara dak kollu li jaf u jghid il-verita' kollha lill-Pulizija Ezekuttiva. Lanqas ma tezisti xi disposizzjoni generali, bhalma huwa l-kaz ta' membri tal-Korp tal-Pulizija skond l-artikolu 346(1) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Pulizija. Ghalhekk ic-cirkostanza aggravanti msemmija fl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali qatt ma kellha tigi addebitata lill-esponent u wisq inqas kellu jinstab hati taghha.

Illi l-hames u l-ahhar aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati hi manifestament sproporzjonata u ma tirrispekkjax ir-rizultanzi processwali f'dan il-kaz.

Illi dan il-kaz qatt ma tpogga fil-proprja perspettiva tieghu u l-erogazzjoni tal-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija — il-massimu biz-zieda tal-massimu skond ic-cirkostanza aggravanti msemmija — hija indikazzjoni li l-Qorti tal-Magistrati kkunsidrat lill-esponent bhala b'xi mod responsabbli ghall-mewt ta' Madou. Ir-realta' hija proprju l-oppost tant li l-istess prosekuzzjoni, fis-sottomissjonijiet taghha dwar il-piena kemm verbali kemm bil-miktub, issottomettiet li effettivament l-esponent kien il-persuna li intervjena sabiex Madou ma jweggax.

Illi qed jigi ribadit li huwa importanti li l-involviment ta' l-esponent f'dan il-kaz jitpogga fil-proprja perspettiva tieghu. L-esponent ma kien bl-ebda mod involut fil-feriti li ssubixxa Madou u, fl-aghar ipotesi ghalih, in-negligenza tieghu kienet li ma

riedx jgharraq kollega u habib tieghu. Huwa verament inkredibbli kif il-Qorti tal-Magistrati tghid li ma rat ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena.

Illi l-esponent huwa persuna b'kondotta nadifa, persuna li ddedika hajtu ghall-Forzi Armati ta' Malta. L-esponent, fid-29 ta' Gunju, 2012, kien qed jaghmel, kif kien jaghmel u kif ghadu jaghmel, ix-xoghol tieghu bid-diffikultajiet kollha li dan igib mieghu. L-esponent huwa mizzewweg u ghandu familja. X'sens jaghmel li tibghat persuna ezemplari il-habs semplicement ghaliex, fl-aghar ipotesi ghalih, ittenta jipprotegi kollega u habib tieghu?

Ikkunsidrat,

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel impunjattiva imqanqla mill-appellanti hija wahda ta' natura legali meta jishaq illi l-fattispecje ta' dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom taht l-elementi legali mehtiega sabiex jissussiti ir-reat tal-okkultament tal-provi li fuqu hija imsejjsa l-unika akkuza dedotta kontra tieghu.

Illi l-artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi, **xjentement jissoprimi jew b'xi mod ieħor jeqred jew ibiddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat**, jeħel, meta jinsab ħati …."

Dan ir-reat promulgat fil-ligi penali taghna fl-1909, introdott permezz ta'l-artikolu 7 tal-Ordinanza VIII gie immudellata fuq il-Codice Zanardelli tal-1889 u allura jikkorrispondi kelma b'kelma ghall-ahhar parti tal-artiklu 225 ta' dak il-kodici u jinsab impostat taht it-titolu " Del Favvoreggiamento" li jaqra fl-intier tieghu:

*225. Chiunque, dopo che fu commesso un delitto per il quale è stabilita una pena non inferiore alla detenzione, senza concerto anteriore al delitto e senza contribuire a portarlo a conseguenze ulteriori, aiuta taluno ad assicurarne il profitto, a eludere le investigazioni dell'Autorità, ovvero a sottrarsi alle ricerche della medesima o alla esecuzione della condanna,* ***e chiunque sopprime o in qualsiasi modo disperde o altera le tracce o gli indizii di un delitto che importi la pena suddetta,*** *é punito ….* (sottolinjar tal-Qorti)

Illi minn qari ta' dan id-dispost tal-ligi fil-kodici taljan issa abrogat ghandu johrog illi hija l-ahhar parti biss tieghu li hija riflessa fl-artikolu 111(2) tal-Kodici taghna, l-legislatur jommetti x'aktarx volutament, milli jinkludi l-ewwel parti. Id-difiza targumenta illi l-fattispecje ta' dan il-kaz, ghalkemm jistghu jittaljjaw taht dak l-aspett tar-reat li jitkellem dwaru l-artiklu 225 tal-Codice Zanardelli, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom taht l-ahhar bicca li allura giet tradotta fil-ligi taghna fl-artikolu 111(2). Huwa bil-wisq evidenti, kif tissottometti id-difiza illi fl-artikolu 225 tal-Codice Zanardelli issir distinzjoni bejn min jassisti sabiex jigu zvijati l-investigazzjonijiet tal-pulizija wara l-kummissjoni ta' reat u min imbaghad jissopprimi jew ibiddel it-tracci materjali jew l-indizji tar-reat, bl-ahhar parti allura tirreferi ghal provi materjali u mhux ghal xi dikjarazzjoni jew stqarrija inveritjiera. Illi il-codice penale taljan illum qasam dawn ir-reati f'zewg disposizzjonijiet distinti, bl-artikolu 378 jitkellem dwar "*il favvoreggiamento personale*" u l-artiklu 379, fuq dik "*reale*", li madanakollu jeskludi l-ahhar parti tad-disposizzjoni ta'l-artiklu 225 u cioe' dak tar-reat in dizamina. Illi allura meta l-artiklu 378 jitkellem fuq il-*favvoreggiamento personale* irid ifisser lli:

"*È configurabile il reato di favoreggiamento personale nel caso di aiuto consapevolmente fornito al colpevole di un delitto a sottrarsi a investigazioni ancora non in atto, purché esse siano chiaramente immaginabili dall'agente sulla base degli elementi concreti a sua conoscenza.*[1]"

Ukoll:

[1] Cass. n. 16246/2013

*"Per la sussistenza dell'elemento soggettivo del delitto di favoreggiamento personale è sufficiente il dolo generico, che deve consistere nella cosciente e volontaria determinazione delle condotte nella consapevolezza della loro natura elusiva delle investigazioni e delle ricerche dell'autorità e della finalizzazione delle stesse a favorire colui che sia sottoposto a tali investigazioni o ricerche.*[2]"

Mentri il-"*favvoreggiamento reale*" ghandu bhala skop l'okkultament tal-provi mill-agent li jaghmel dan biex jaghmel xi forma ta' qliegh personali, liema element allura huwa mankanti fl-artikolu 378.

Issa l-ligi taghna ma issemmi xejn minn dan kollu previst fl-artikoli 378 u 379 tal-Codice Penale taljan li allura huma dawk ir-reati li kien jitkellem dwarhom l-ewwel parti tal-artikolu 225 tal-Codice Zanardelli. Il-kodici penali taghna jitkellem biss fuq l-okkultament tat-tracci materjali jew indizji tar-reat. Din id-dsitinzjoni qed issir biex il-Qorti tkun tista' allura tasal ghall-elementi tar-reat li dwaru l-appellanti jinsab mixli.

Ghalkemm l-ligi titkellem fuq kwalunkwe persuna, madanakollu il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi din it-terminologija uzata ma tistax tinkludi l-ezekutur tar-reat li tieghu l-gudikabbli qed jipprova jissopprimi jew ibiddel jew jeqred it-tracci tieghu, billi jekk l-ezekutur tar-reat in dizamina jaghmel dan, l-azzjonijiet tieghu jitqiesu bhala kontinwazzjoni tar-reat principali. Ukoll l-att li bih wiehed jissopprimi jew jeqred it-tracci jew l-indizji tar-reat huwa bizzejjed minghajr ma hu necessitat xi ftehim pre-ordinat mal-ezekutur tar-reat purche' dan l-att inkriminati isir bix-xjenza tal-persuna u mhux b'negligenza jew zball. L-intenzjoni trid tkun tali illi tizzvija jew tizgwida l-id tal-gustizzja u ir-reat huwa ikkunsmat anke jekk l-malvivent ma ikunx irnexxielu fl-intenzjoni tieghu. Issa l-Professur Mamo madanakollu jishaq illi irid ikun hemm necessarjament xi forma ta' element materjali ghalkemm l-agent ma ikunx irnexxielu fl-intenzjoni tieghu. Bhala ezempju ighid illi ghalkemm l-agent jahbi l-arma uzata fid-delitt ta' omicidju volontarju, anke jekk il-pulizija sussegwentement issib dik l-arma, ir-reat ikun komplut hekk kif ikun sehh l-element

[2] Cass. n. 24035/2011

materjal abbinat ovvjament ma'l-intenzjoni voluta tal-agent li jissopprimi dik l-evidenza. Issa jekk dik il-persuna tinqabad filwaqt li qed tipprova tahbi dik l-arma allura tista tinsab htija ghat-tentattiv tar-reat izda mhux ghar-reat ikkunsmat. Dan ifisser allura illi l-att materjali irid ikun jikkonsisti necessarjament filli l-agent b'att pozittiv u dirett jeqred jew jahbi xi tracca materjali jew xi indizju li jista' iwassal lill-investigaturi jikxfu l-malvivent. It-test ingliz jitkellem dwar *circumstantial evidence* tradott bil-malti ghal kelma indizji jew tracci materjali. Issa dikjarazzjoni inveritjiera mill-agent dwar dak li verament sehh filwaqt tal-kummissjoni tad-delitt tista qatt taqa' taht l-element materjali li jitkellem dwaru l-artikolu 111(2)? Dan ghaliex il-ligi titkellem fuq it-tracci jew l-indizji tar-reat indikattivi allura ta' dawk l-provi cirkostanzjali jew indizji ohra materjali li jistghu iwasslu mhux biss sabiex l-pulizija jasslu ghall-ezekutur tar-reat principali izda ukoll iwasslu sabiex issir il-gustizzja mieghu.

Issa l-att materjali allegatament kommess mill-appellanti u rizultanti mill-atti probatorji huwa il-ftehim bejn l-appellanti u l-ezekuturi tar-reat tal-omicidju ta' Madou mhux biex jostru r-reat, izda sabiex joholqu cirkostanza li tista' tiggustifika dak l-agir.  Issa min ezami ta'l-atti probatorji ghandu johrog dak li kien l-involviment tal-appellanti fl-izvolgiment ta' din il-vicenda tragika. Illi ma hemmx dubbju illi l-appellanti ma kienx involut fl-agressjoni fizika li sehhet fuq il-vittma Mohammed Abdallah imsejjah Madou miz-zewg membri tal-armata is-Surgent Mark Anthony Dimech u Gunner Clive Cuschieri u dan meta dawn l-ahhar tnejn ippruvaw irazznu lil Madou li kien ghadu kemm harab mic-centru ta' detenzjoni f' Hal Safi. L-appellanti fil-fatt kien hareg ifittex lil Madou bil-karozza privata tieghu. Jidher illi wara ftit dan instab fi triq barra f'Hal Safi mis-suldati Dimech u Cuschieri li jirrakkuntaw li Madou kien vjolenti maghhom, tant illi anke sofrew xi griehi minhabba f'dan, izda irnexxielhom irkibbuh fil-vann anke bl-assistenza tal-appellanti u haduh lejn ic-Centru ta' detenzjoni biex igibu l-manetti u l-assistenza tad-detention officers biex jittrasportaw lil Madou lejn il-polyclinic. Dan ghamluh ghaliex sostnew li Madou kien aggressiv maghhom. Jidher illi sakemm wasslu hdejn ic-Centru, Madou ma kienx qed jiccaqlaq u kien miltluq fl-art tal-vann. Madou jigi immanettjat meta dan kien diga mitluq u mhux qed joffri resistenza u mehud il-

polyclinic ta' Rahal il-Gdid fejn mal-wasla tieghu gie iccertfikat mejjet mit-tabib tal-ghassa hemmhekk. Jidher illi f'dan il-mument xi hadd mis-suldati, ghalkemm mhux car jekk kienx l-appellanti jew Dimech, issugerixxa li n-nies kollha involuti kemm fl-aggressjoni tieghu kif ukoll fit-trasport tieghu lejn l-polyclinic, u cioe' Dimech, Clive Cuschieri, l-appellanti, kif ukoll id-detention officers, Francis Scerri u Marco Cuschieri, kellhom jaghtu verzjoni unika li Madou kien irresistiehom meta kienu ghadhom fil-barracks, qabel haduh lejn il-polyclinic u kien minhabba f'hekk illi huwa kellu jittrazzan, meta dan ma kienx minnu billi meta s-suldati wasslu lura il-barracks wara li kienu qabbdu lil Madou, dan ma kien qed joffri l-ebda resistenza, izda kien mitluq mal-art fil-vann tas-suldati.

Issa l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha kienet tal-fehma illi t-tlett suldati inkluz allura l-appellanti holqu *messa in scena* meta mal-wasla taghhom gewwa il-barracks huma bdew isegwu il-procedura li tigi segwieta meta detenut ikun qed joffri resistenza, u cioe' li jitolbu ghal manetti u ghall-ghajnuna tad-detention officers meta kienu gja jafu ben tajjeb illi Madou li kien midrub gravament ma seta joffri l-ebda resistenza. Tant hu hekk illi meta jigi immannettjat jidher illi Madou kien diga mitluf minn sensieh. Mela allura l-element materjali f'dan ir-reat, fil-fehma ta'l-Ewwel Qorti, ma kienx semplicement il-ftehim bejn hamsa minn nies, izda fuq kollox il-ftehim bejn it-tlett suldati sabiex jaghtu l-impressjoni illi Madou kien ghadu qed jirresistiehom u kien perikoluz. Issa mill-provi ma jirrizultax illi f'xi hin qabel il-wasla taghhom gewwa ic-Centru ta' detenzjoni sar dan id-diskors bejn is-suldati, kif lanqas ma hu car min aktar tard issugerixxa li tinghata il-verzjoni li l-immigrant kien qed joffri resistenza, bid-Detention Officer Francis Scerri ighid li kien is-surgent Dimech li issugerixxa, dan filwaqt li Marco Cuschieri jipponta subajgh lejn l-appellanti.

Illi d-dikjarazzjoni inveritjiera lil pulizija dwar dak li sehh ma tista qatt tikkostitwixxi l-element materjali ta' dan ir-reat, kif lanqas jistghu ikunu l-manetti u l-*messa in scena* li titkellem dwarha l-Ewwel Qorti, dak li kellu f'mohhu l-legislatur meta fassal l-artikolu 111(2). Illi l-ligi hija cara meta titkellem dwar l-okkultament ta' xi prova materjali, tal-habi, distruzzjoni jew sopressjoni ta' xi indizju jew

circumstantial evidence, bhal ma hija l-arma tad-delitt, fingerprints, tracci ta' demm, hwejjeg li intuzaw fil-kummissjoni tar-reat fost ohrajn u mhux ta' *messa in scena*. Di piu' l-Ewwel Qorti wasslet ghal konkluzjoni illi dak li ghamlu t-tlett membri tal-armata kienet *messa in scena* biss abbazi ta' kongetturi u mhux provi konkreti, kif mehtieg fil-kamp penali. Huwa minnu illi kif sehhew l-avvenimenti f'dan il-kaz din l-ipotezi u cioe' dik li tindika l-Ewwel Qorti hija wahda plawzibbli u hemm il-probabbilta' illi l-istorja indikata fid-decizjoni impunjata x'aktarx iva milli le taghmel sens. Madanakollu fil-kamp penali dak li hemm bzonn huma dawk il-provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u mhux dawk li jistghu iwasslu biss ghal spekulazzjoni ta' dak li seta' sehh. Ma jirrizulta minn imkien mill-provi illi hekk kif jinqabad Madou u jittella' fil-vann l-ufficjali involuti joholqu dan il-ftehim, kif allura lanqas ma huwa ippruvat li kien l-appellanti li hareg bl-idea li jaghmlu dan. Ma hemmx dubbju illi l-appellanti ma kien involut fl-ebda mod fl-agressjoni li sehhet fuq l-immigrant, kif diga inghad, anzi huwa assista sabiex din titrazzan u ghen sabiex l-immigrant jitqieghed fil-vann u jittiehed lejn il-barracks u wara lejn il-polyclinic. L-appellanti ighid li talab ghal manetti u ghall-assistenza tad-detention officers ghaliex sal-mument li wasslu l-barracks u cioe' f'temp ta' zewg minuti huwa kien ghadu qed jahseb illi Madou kien ser jerga' iqum ghalihom. Fejn allura tista' din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi sehh xi ftehim bejn dawn it-tlett suldati u li t-talba ghall-assisstenza u ghal manetti saret sabiex jigi ikkrejat xenarju li ma kienx jezisti u cioe' tar-resistenza u aggressjoni tal-immigrant detenut? Fuq kollox dak mistqarr mill-appellanti lil WPS167 Justine Grech li kienet is-surgent tal-pulizija li hadet l-ewwel verzjoni tieghu dwar dak li sehh qatt ma setghet tittiehed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti billi tali dikjarazzjoni giet mehuda minghajr ma l-appellanti inghata d-debita twissija skont il-ligi, tant illi ikun ferm perikoluz ghal Qorti li tistrieh fuq tali dikjarazzjoni meta tigi biex taghmel l-evalwazzjoni taghha tal-provi. Gie ritenut:

*"Meta jirrizulta ab initio mill-atti processwali illi persuna suspettata tkun giet interrogata minghajr ma tkun giet informata li tista taghzel li ma tinkriminax ruhha, dik il-konfessjoni*

*hija minn natura taghha stess suspetta ghal dik li hija volontarjeta talment li jkun perikoluz li tingieb a konjizzjoni ta' min ghandu jiggudika fuq il-fatti.*[3]

Kif jista' l-Avukat Generali jargumenta illi tali dikjarazzjoni hija ammissibbli billi din ittiehedet meta l-appellanti kien ghadu mhux qed jigi suspettat bil-kummissjoni ta' xi reat? Illi bir-rispett kollu ic-cirkostanzi tal-kaz, fejn kien hemm hames ufficjali pubblici li instabu fil-presenza ta' ragel mejjet li kien taht il-kustodja taghhom, ma jistghu qatt iwasslu lill-ebda investigatur jehdilhom xi forma ta' stqarrija minghajr ma ikun kawt u jara illi d-drittijiet ta' dawn in-nies li qed jigu interrogati jkunu qed jigu salvagwardjati. Kif lanqas jista' investigatur li qed jipprova jistabbilixxi dak li sehh, fl-istadji inizjali ta' investigazzjoni, jiehu xi dikjarazzjoni minn persuni direttament involuti fil-kaz minghajr ma tinghata lilhom it-twissija skont il-ligi biex imbaghad wara juza dik id-dikjarazzjoni mehuda minnhom illegalment fil-Qorti bl-iskuza illi sa dak il-mument huma ma kenux suspettati li kienu involuti fil-kummissjoni ta' xi reat!

Fuq kollox, f'dan il-kaz jidher illi matul il-kors ta'l-investigazzjoni u cioe' fit-tieni stqarrija rilaxxjata mill-appellanti lill-pulizija, huwa jiddeskrivi dettaljament dak li verament kien sehh sabiex b'hekk il-pulizija setghu jasslu biex jixlu liz-zewg membri tal-armata Cuschieri u Dimech bir-reat tal-omicidju ta' Mohammed Abdallah maghruf bhala Madou u dan meta l-appellanti ghazel li jirtira kwalsiasi dikjarazzjoni precedenti li kien ghamel u l-kors tal-gustizzja ma giex imxekkel. Kif setghet il-Prosekuzzjoni, imbaghad tixlieh bir-reat taht l-artikolu 111(2)?

Illi maghdud dan madanakollu, ghalkemm l-fattispecje tal-kaz, ghalkemm ikkontestati mill-appellanti, setghu iwasslu ghar-reat ikkontemplat fl-ewwel parti tal-artikolu 225 tal-Codice Zanardelli, volutament eskluza mill-legislatur malti mill-ligi taghna, izda dawn il-fatti ma jistghux jaqghu taht it-tieni parti tieghu billi din it-tieni parti tirreferi ghall-okkultament, qirda jew distruzzjoni tat-tracci materjali, tal-indizji, tal-provi cirkostanzjali jew ta' xi prova ohra materjali, izda mhux ghal xi dikjarazzjoni inveritjiera maghmula mill-appellanti bhalma gara f'dan il-kaz biex lil

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo sive Charles Tabone App.Krim. Sup. 17/01/1995

shabu "ighattilhom" jew ta' *messa in scena* li setghet inholqot minn  mit-tlieta minn nies membri tal-armata kif imfisser fid-decizjoni impunjata. Huwa minhabba f'dan il-mottiv illi l-Qorti irreferiet ghad-disposizzjonijiet tal-ligi penali taljana u dan ghaliex b'hekk huwa evidenti dak illi l-legislatur kellu f'mohhu meta fassal l-artikolu 111(2) fil-ligi penali taghna, li certament ma tirreferiex ghal xi *messa in scena* jew ghal xi dikjarazzjoni inveritjiera. Illi ghalhekk dan l-aggravvju imressaq mill-appellanti indubbjament jisthoqqlu akkolijment u dan ghaliex il-fattispecje tal-kaz ma jinkwadrawx rwiehhom taht id-disposizzjoni tal-ligi li tahtu l-appellanti gie mixli. Ghaldaqstant il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-aggravvji l-ohra imqajjma minnu fir-rikors ta'l-appell.

Ghal dawn l-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, tghaddi biex tirrevoka id-decizjoni impunjata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur